**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 22 ta` Mejju, 2018.**

**Talba Nru: 543/2017PA**

**Links Discounters Co-Operative Society Limited**

**vs**

**Wardija Garage Company Limited u b'digriet tallum stess ġie msejjaħ f'din il-kawża Salvatore sive Saviour Muscat**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fi-30 ta` Novembru 2017 li permezz tiegħu l-koperattiva attiċi talbet li s-soċjeta` konvenuta Wardija Garage Company Limited tħallasha s-somma ta` elfejn, erba' mija, disgħa u sittin Ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€2,469.32ċ) rappreżentanti bilanċ dovut għal prodotti mibjugħa bl-ingross fuq ordnijiet tagħha, bl-imgħax bir-rata ta` tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data taċ-ċekkijiet konsenjati minnha li pero`' ma ssarfux, sad-data tal-ħlas, u bl-ispejjeż.

Ra d-dokument ippreżentat mis-soċjeta` attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament kopja ta` tlett ċekkijiet datati rispettivament 10 ta` Diċembru 2012, 3 ta` Jannar 2013 u 17 ta` Jannar 2013 (Dok. A, fol. 3).

Ra r-Risposta tas-soċjeta` konvenuta Wardija Garage Company Limited li permezz tagħha eċċepiet li (i) hija mhix il-leġittima kuntradittriċi billi qatt ma ordnat jew xtrat prodotti bl-ingrossa mingħand il-koperattiva attriċi; (ii) it-talba attriċi hija preskritta; (iii) mingħajr preġudizzju, it-talba tal-koperattiva attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Sema' x-xiehda ta` Saviour Muscat, prodott mill-koperattiva attriċi, li ddikjara li s-soċjeta` konvenuta m'għandhiex tħallas għal konsenji bl-ingrossa. Huwa għaraf il-firma tiegħu fuq iċ-ċekkijiet, maħruga mill-kumpanija Wardija Garage Compnay Limited, favur il-koperattiva attriċi. Huwa kkonferma li dawn iċ-ċekkijiet ħarighom ħu, u bihom ħallas għal fornituri magħmula lilu għall-ħanut tiegħu personali. Iddikjara wkoll li l-koperattiva attriċi ma setgħetx tfittex lis-soċjeta` konvenuta għall-ħlas, imma lix-xhud personalment.

Ra li s-soċjeta` konvenuta pproċediet biex avżat b'din il-kawża lil Salvatore sive Saviour Muscat personalment.

Ra li l-istess Saviour Muscat ippreżenta Risposta fl-14 ta` Marżu 2018 li permezz tagħha eċċepixxa li (i) it-talba attriċi hija preskritta; (ii) mingħajr preġudizzju, it-talba tal-koperattiva attriċi kif dedotta hija infondata fil-fatt u fil-liġi.

Ra li, permezz ta` nota tal-25 ta` April 2018, il-kumpanija konvenuta Wardija Garage Company Limited u l-kjamat fil-kawża Saviour Muscat iddikjaraw li l-preskrizzjoni eċċepita minnhom hija dik kwinkwennali fit-termini tal-**art. 2156(f)** tal-**Kodiċi Ċivili**.[1]

Ra li, b'nota ta` riduzzjoni ppreżentata fit-8 ta` Mejju 2018, il-koperattiva attriċi rriduċiet it-talba tagħha għas-somma ta` elfejn Ewro (€2,000), filwaqt li rrinunzjat għall-imgħaxijiet.

[1] Fol. 32

Ra li, b’nota oħra ppreżentata fit-8 ta` Mejju 2018, il-kjamat fil-kawża Salvatore sive Saviour Muscat ammetta t-talba kif ridotta, bl-ispejjeż.

Jidhirlu li t-talba tal-koperattiva attriċi ma tirriżultax pruvata kontra s-soċjeta` konvenuta Wardija Garage Company Limited, u għalhekk qed tiġi liberata mill-osservanza ta` dan il-ġudizzju.

Jidhirlu wkoll li t-talba tal-koperattiva attriċi, kif ridotta, tirriżulta pruvata, fuq ammissjoni, kontra l-kjamat fil-kawża Salvatore sive Saviour Muscat, bl-ispejjeż.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta` u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa’ l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpanija konvenuta Wardija Garage Company Limited u jilliberaha mill-osservanza ta` dan il-ġudizzju, u filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha mressqa mill-kjamat fil-kawża Salvatore sive Saviour Muscat, jilqa’ t-talba attriċi kif ridotta fil-konfront tiegħu, u konsegwentement jikkundannah iħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta` elfejn Ewro (€2,000).

L-ispejjeż dovuti in konnessjoni ma’ din il-kawża jitħallsu mill-istess Salvatore sive Saviour Muscat.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**